# TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA

## MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH B.A. LL.D. MAG. JUR. (EUR LAW)

**Rikors Numru: 1/2020 SG**

**Joseph Axiak**

**vs**

**L-Awtorita' tal-Ippjanar**

**Illum it-Tnejn, 7 ta' Diċembru 2020**

It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' appell ta' Joseph Axiak ippreżentat fl-4 ta' Marzu 2020 permezz ta' liema ntalab li t-Tribunal jirrevoka in toto d-deċiżjoni meħuda mill-Awtorita' tal-Ippjanar fid-29 ta' Jannar 2020 kontra r-revoka tal-multa imposta ammontanti għal sitt elef, disa' mija u tmenin Ewro (€6,980.00) u alternattivament u mingħajr preġudizzju għall-ewwel talba talba, l-Awtorita' tal-Ippjanar tiġi ordnata tirrevedi l-isfel l-istess multa imposta fil-konfront ta' l-istess Axiak, bl-ispejjeż kontra l-Awtorita' tal-Ippjanar.

Ra r-Risposta ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar tas-6 ta' Mejju 2020 permezz ta' liema jopponi għat-talbiet tar-Rikorrent u jitlob li l-istess jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontra r-Rikorrent, stante li dan it-tribunal ma għandhux ġurisdizzjoni jiddeċiedi din il-vertenza u li r-rikors huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt u ma jikser l-ebda prinċipju ta' proporzjonalita, ekwita' jew prinċipji oħra ta' ġustizzja naturali.

Ra li kien hemm qbil li tingħata sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari qabel ma' jiġi trattat il-mertu.

Ra li l-partijiet ressqu l-provi tagħhom dwar din l-eċċezzjoni.

Sema' sottomissjonijiet.

Ra li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza dwar din l-ewwel eċċezzjoni preliminari.

Ra l-atti kollha ta' din il-kawża.

**Ikkunsidra**

Permezz ta' din l-ewwel eċċezzjoni, l-Awtorita' ta' l-Ippjanar qed teċċepixxi li dan it-Tribunal ma għandhux ġurisdizzjoni sabiex jiddeċiedi din il-vertenza stante li l-multa mposta lir-rikorrent hija multa għal kull ġurnata skont ir-regolament 3 tar-Regolamenti tal-2012 dwar multi għal kull ġurnata (Avviż legali 276/2012) rigwardanti l-iżvilupp mingħajr permess ta' żvilupp kif speċifikat fl-avviż tat-twettiq numru ECF 116/15. Intqal li skont leġislazzjoni sussidjarja 552.24 - u ċioe' r-regolamenti dwar multi għal kull ġurnata u multi amministrattivi kif emendati huwa t-tribunal ta' reviżjoni dwar l-ambjent u l-ippjanar li għandu jeżamina petizzjonijiet milqugħa minnu f'każijiet simili u dan wara illi l-Awtorita' tkun eżaminat talbiet formali biex jitħallsu multi ta' kompromess minflok il-multi impost mill-istess Awtorita'.

Għaldaqstant l-awtorita' intimata qed targumenta li dawn il-proċeduri ma ġewx intavolati quddiem il-forum idoneju. B'din l-eċċezzjoni, essenzjalment l-awtorita' intimata qed tikkontesta l-kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva biex jisma' u jittratta l-lanjanzi u konsegwenti talbiet tar-Rikorrent kif diretti. Jirriżulta li l-awtorita' intimata qed tibbaża din l-eċċezzjoni fuq il-fatt li l-proċedura adottata hija dik li temerġi minn leġislazzjoni sussidjarja 552.24 - Regolamenti dwar Multi għal kull ġurnata u Multi Amministrattivi, liema proċedura ma taqax taħt l-iskrutinju u b'hekk fil-kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amminsitrattiva.

Ir-regolamenti 5 u 6 ta' Regolamenti dwar Multi għal kull ġurnata u Multi Amministrattivi jipprovdu s-segwenti:

*"5. It-Tribunal ta' Reviżjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar għandu jeżamina petizzjonijiet milqugħa minnu, u għandu jilqa' biss petizzjoni sew parzjali sew fl-intier tagħha meta jkun hemm raġunijiet forzanti biex jagħmel hekk, bħal: (a) raġunijiet umanitarji li jattenwaw iċ-ċirkostanzi relatati mal-għemil tar-reat skedat; u (b) fil-każ meta s-suġġett tal-akkuża jew tal-avviż taħt l-artikolu 86(14) tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp jew in-natura tiegħu jkun manifestament inġust u, jew oppressiv, u, jew manifestament sproporzjonat meta jitqiesu n-natura u tal-fatti tal-każ.*

*6.(1) L-Awtorità għanda teżamina talbiet formali bil-miktub minn persuni li rċevew avviż skond l-artikolu 86 jew 88 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp u li huma soġġetti għal multa skont dawn ir-regolamenti, biex jitħallsu multi ta' kompromess. Kull talba għandha tindika r-raġuni jew raġunijiet forzanti għala l-multa stabbilita fl-avviż m'għandhiex titħallas, kif ukoll kif għandha tinbidel il-multa.*

*(2) L-Awtorità tista' tilqa' t-talba sew parzjalment sew fl-intier tagħha meta jkun hemm raġunijiet forzanti biex tagħmel hekk u tista' tistabbilixxi perjodi differenti għal meta tkun tapplika l-multa għal kull ġurnata minn kif imniżżel fl-avviż.*

*(3) Meta jintlaħaq ftehim dwar il-multa ta' kompromess bejn l-Awtorità u l-persuna li għamlet it-talba għal multa ta' kompromess,it-Tribunal ma jikkunsidrax petizzjonijiet magħmula taħt ir-regolament 5 fir-rigward tal-istess multa.*

*(4) L-Awtorità tista', bl-approvazzjoni tal-Ministru, tiddelega l-eżaminazzjoni tat-talbiet formali bil-miktub kif deskritti fis-sub-regolament (1) lil sotto-kumitat kompost minn tlieta mill-membri tagħha, li wieħed minnhom għandu jkun iċ-Chairman tal-Awtorità jew wieħed miċ-Chairpersons tal-Kummissjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, li jkun iċ-Chairman tas-sotto-kumitat. Id-dispożizzjonijiet tal-Ewwel Skeda li tinsab mal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp għandhom japplikaw mutatis mutandis għal dan is-sotto-kumitat u d-deċiżjonijiet tiegħu għandhom jitqiesu bħala deċiżjonijiet tal-Awtorità għall-iskop tal-Att uleġislazzjoni sussidjarja magħmula taħtu. Is-sotto-kumitat għandu jirrapporta lill-Awtorità mill-inqas darba kull tlett xhur."*

Għaldaqstant jirriżulta li tista' ssir talba lill-Awtorita' ta' l-Ippjanar biex jitħallsu multi ta' kompromess ai termini tar-regolament 6 tal-leġislazzjoni sussidjarja 552.24 kif ukoll tista' ssir petizzjoni lit-Tribunal ta' Reviżjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ai termini tar-regolament 5 ta' l-istess leġislazzjoni sussidjarja.

Mill-atti proċesswali jidher li l-Awtorita' ta' l-Ippjanar pproċeda b' Avviż ta' Twaqqif u ta' Twettiq nru EC/00116/15. Illi in segwitu ntalab iħallas multa ta' €6,980.00

rappreżentanti ħlas dovut lill-Awtorita' bħala multa għal kull ġurnata skont ir-regolament 3 ta' l-Avviż legali 276 ta' l-2012 hekk kif emendat (Leġislazzjoni sussidjarja 552.24). Jidher li l-Awtorita' ta' l-Ippjanar effettivament ipproċediet fil-konfront tar-Rikorrent ai termini ta' din il-leġislazzjoni sussidjarja. Sussegwentement, ir-rikorrenti Joseph Axiak ippreżenta ittra lill-Awtorita' tal-Ippjanar datat 8 ta' Ottubru 2019 fejn talab li l-multa imposta tiġi maħfura in vista li ttieħdu l-passi kollha neċessarji sabiex il-pożizzjoni tiegħu tiġi sanzjonata. Permezz ta' ittra datata 29 ta' Jannar 2020, il-Kunsill Eżekuttiv ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar ċaħad it-talba għal revoka tal-multa imposta. Din id-deċiżjoni qed tiġi kkontestata b'dawn il-proċeduri.

Mill-banda l-oħra, il-kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva hija regolata b'diversi disposizzjonijiet tal-Kap.490 tal-Liġijiet ta' Malta. L-artikoli 5 u 7 tal-Kap 490 tal-Liġijiet ta' Malta jgħidu:

*"5(1) Qiegħed jiġi stabbilit skond id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att tribunal indipendenti u imparzjali, li jkun magħruf bħala t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, bl-iskop lijkun jista' jirrivedi atti amministrattivi istitwiti quddiemu skonddan l-Att jew kull liġi oħra, u bl-iskop tal-eżerċizzju ta' kull kompetenza oħra attribwita lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva b'din il-liġi, jew taħt din il-liġi, jew xi liġi oħra,kemm qabel kemm wara li jidħol fis-seħħ dan l-Att.*

*(2) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ma jkollux kompetenza ġenerali li jirrevedi atti amministrattivi li jistgħu jiġu riveduti skont l-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili iżda jkollu l-kompetenza li jirrevedi dawk l-atti amministrattivi kif jista' jiġi preskritt f'dan l-Att jew taħtu jew kull liġi oħra li tistabbilixxi l-kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fuq xi klassi ta' atti amministrattivi.*

*7.(1) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu jkun kompetenti li jirrivedi atti amministrattivi tal-amministrazzjoni pubblika fuq punti ta' liġi u ta' fatt.*

*(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5 u fejn xi liġi speċjali tassenja kompetenza lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u sakemm xi dispożizzjoini tal-liġi ma tippreskrivix xi terminu perentorju għall-preżentata ta' xi talba għar-reviżjoni mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, talba biex jiġu riveduti atti ta' amministrazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika taħt dan l-Att għandha tiġi preżentata fi żmien sitt xhur mid-data meta l-parti interessata ssir taf jew setgħet issir taf b'dak l-att amministrattiv, liema minnhom ikun l-aktar kmieni."*

Minn dawn il-provvedimenti kollha li saret referenza għalihom, joħroġ b'mod ċar li l-kompetenza dwar din il-materja in eżami hija dik tat-Tribunal Dwar Reviżjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u mhux ta' dan it-Tribunal. Fl-ebda parti mir-regolamenti

applikabbli għal dawn il-multi in kwistjoni, ma ssir referenza għat-Tribunal odjern, iżda ssir referenza għal Tribunal ieħor. It-talba tar-rikorrenti hija li tiġi revokata d-deċiżjoni meħuda mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar u alternattivament għall-ewwel talba, l-Awtorita' ta' l-Ippjanar tiġi ordnata tirrevedi l-isfel l-istess multa imposta. Bil-proċedura ai termini tar-regolament numru 5 tal-leġislazzjoni sussidjarja 552.24, it-Tribunal ta' Reviżjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jeżamina talbiet formali biex jitnaqqsu jew jitneħħew ordnijiet ta' multi. Għaldaqstant, effettivament id-deċiżjoni mogħtija mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar fid-29 ta' Jannar 2020 setgħet possibilment tiġi varjata u/jew revokata mit-Tribunal ta' Reviżjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar li kieku ssir it-talba quddiem dan l-istess Tribunal u jiġu ppruvati l-elementi rikjesti għal tali revoka jew tnaqqis.

It-Tribunal iqis li mhuwiex kompetenti għalhekk biex jisma' t-talba għal revoka tad-deċiżjoni meħuda mill-Awtorita' tal-Ippjanar dwar ir-revoka tal-multa imposta.

Għal dawn ir-raġunijiet it-Tribunal jilqa' l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-Awtorita' tal-Ippjanar u konsegwentement filwaqt li jiddikjara li ma huwiex kompetenti biex jieħu konjizzjoni tat-talbiet tar-Rikorrent, jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tagħhom.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jiġu sopportati mir-Rikorrent.

(ft) Maġistrat Dr. Simone Grech
President tat-Tribunal ta' Reviżjoni
Amministrattiva

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur